A.L. 86 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 dwar Vjaġġar Essenzjali bejn Malta u Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar Vjaġġar Essenzjali bejn Malta u Għawdex.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' Marzu 2021 u għandu jibqa' fis-seħħ sal-11 ta' April 2021, iż-żewġ dati inklużi.

Vjaġġar essenzjali bejn il-gżejjer.

2. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna li l-vjaġġi bejn Malta u Għawdex għandhom ikunu limitati biss għal dan li ġej:

(a) persuni li għandhom bżonn jivvjaġġaw minħabba xogħol bejn Malta u Għawdex; u

(b) persuni li għandhom bżonn jivvjaġġaw biex iżuru membri tal-familja; u

(ċ) persuni li għandhom bżonn jivvjaġġaw bejn Malta u Għawdex għal raġunijiet mediċi jew sabiex jagħmlu vista lil xi membru tal-familja li jkun rikoverat fi sptar:

Iżda vetturi kummerċjali jew tal-merkanzija għandhom jitħallew jivvjaġġaw bejn Malta u Għawdex mingħajr ebda restrizzjoni:

Iżda wkoll persuna tkun tista' tivvjaġġa bejn Malta u Għawdex sabiex tirritorna lejn ir-residenza ordinarja jew reġistrata tagħha:

Iżda wkoll is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista' fid-diskrezzjoni tagħha, permezz ta' avviż fil-Gazzetta, iżżid jew tnaqqas ir-restrizzjonijiet.